MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1008/2013

**AE Malta Limited (C55115)**

**vs**

**James Catania**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AE Malta Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti inkarigat lill-intimat sabiex dan johloq diversi sistemi marbutin ma' programm ta' computers ghall-gestjoni tan-negozju tas-socjetà rikorrenti, holqien ta' "web-site", promozzjoni permezz tal-internet, u xoghol iehor simili;

Inqala' dizgwid bejn il-partijiet minhabba li l-intimat beda jippretendi hlas minghand is-socjetà attrici li din irriteniet li ma kienx misthoqq u dan gie kkomunikat lill-intimat;

Minkejja dan l-intimat baqa' jinsisti li kellu dritt ghall-hlas mitlub minnu, u dan kemm verbalment kif ukoll bil-miktub b'komunikazzjonijiet matul din l-ahhar sena, u dan l-ahhar permezz ta' "email" intitolat **"Don't think I forgot about the money you owe me"** liema email iggib id-data 8 ta' Ottubru 2013 u tinsab hawn annessa Dok. A;

L-esponenti tixtieq li tesercita d-dritt moghti lilha bis-sahha tal-artikolu 403 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex jigi prefiss terminu lill-intimat ta' mhux iktar minn tlett xhur li fi zmienu l-intimat ghandhu jressaq azzjoni gudizzjarja in sostenn tal-pretensjoni tieghu hekk maghmula jew fin-nuqqas jinzamm milli qatt izjed jressaq pretensjoni fir-rigward.

Talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li permezz ta’ “e-mail” intitolat “Don’t think I forgot about the money you owe me”, liema email iggib id-data 8 ta’ Ottubru 2013 hawn annessa Dok. A, u b’modi ohra qabel bil-miktub matul din l-ahhar sena, huwa ivvanta dritt ossia pretensjoni fil-konfront tar-rikorrenti kif intqal fuq.

2. Tipprefiggi terminu ta’ mhux iktar minn tlett xhur a tenur tal-artikolu 403 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12), li fi zmien l-intimat ghandu jressaq azzjoni gudizzjarja in sostenn tal-pretensjoni tieghu hekk maghmula;

3. Fin-nuqqas li l-intimat jintavola azzjoni kif hekk ordnat u fiz-zmien lilu moghti kif intqal fuq, jigi ikkundannat ghas-skiet perpetwu ossia li jinzamm permezz tal-kundanna ta’ din il-Qorti milli qatt izjed jressaq pretensjoni fir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dokument anness.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat James Catania baqa’ ma ressaq ebda twegiba ghall-kawza.

Semghet lix-xhud Keith Zammit jixhed viva voce.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tenfasizza f'dan l-istadju illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja m'ghandha qatt titqies bhala ammissjoni. Konsegwentement, jibqa' dejjem jinkombi fuq min iressaq il-kawza li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Issa, l-Artikolu 403 tal-Kap. 12 et seq jipprovdi illi:

*"Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni."*

Fil-kawza Pickard vs Anderson (deciza mill-Imhallef J. R. Micallef fis-7 ta' Lulju 2010), gie ritenut illi:

*"Illi bħala konsiderazzjonijiet legali dwar din l-azzjoni, jibda biex jingħad li l-azzjoni ta' Jattanza jew, kif ukoll magħrufa, tal-Millantazzjoni tapplika fejn persuna, f'att gudizzjarju jew xort'oħra bil-miktub, tippretendi li għandha xi jedd kontra persuna oħra. Din tal-aħħar, jekk trid teħles minn*

*tali pretensjoni, għandha l-jedd li tressaq azzjoni sa mhux iżjed tard minn sena minn mindu ssirilha l-pretensjoni, kontra min għamilha, biex il-qorti tordna lil min jippretendi l-jedd li jressaq l-azzjoni għad-definizzjoni ta' dak il-jedd innifsu fiż-żmien mogħti mill-istess qorti."*

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza Agius vs Meilaq (28 ta' Marzu 2014):

*"Skont il-gurisprudenza, biex tirnexxi din l-azzjoni jridu jinkonkorru sitt elementi. Dawn l-elementi huma:*

*(a) l-attur irid ikun fil-pussess, almenu de facto u prima facie, tal-oggett li jkun qed jikkawtela (Vol. XX.II.338; XXXIII.II.201);*

*(b) il-konvenut ikun, bil-miktub, ressaq pretensjoni fuq dak l-oggett, l-ezercizzju ta' liema pretensjoni tkun ghad trid tigi (Vol. XXXIII.II.287; XLII.II.1146);*

*(c) il-pretensjoni trid tkun spontanea, u mhux provokata bl-agir tal-attur (Vo. XXIV.II.358; XXXI.I.494);*

*(d) il-pretensjoni jrid ikollha l-karattru li tista' tigi ezercitata b'azzjoni gudizzjarja (Vo. XXXIII.II.287);*

*(e) il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat (Vol. XXXIII.II287; XXXVI.III.632);*

*(f) il-pretensjoni m'ghandhiex tkun kondizzjonata, jew tiddependi minn fatt li jista' jigri u ma jigrix (Vol. XVI.II.85; XXI.II.6).*

*Fil-kaz in ezami, il-Qorti tqis li l-fatti tal-kawza jinkwadraw ruhhom sodisfacentement fil-parametri stabbiliti mil-ligi kif interpretata konsistentement mill-gurisprudenza."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, il-Qorti tqis li mill-provi prodotti tirrizulta gustifikata t-talba tas-socjetà attrici. Keith Zammit xehed illi:

*"Is-socjetà li nirrapprezenta jiena kienet ingaggat lill-intimat biex jaghmel xoghol fuq web design. Meta kien hemm dewmien kbir u konna qed nigu iccargajti ta' xoghol li ma kienx qieghed isir u kif ukoll bdejt ninduna li kien hemm over-charging, peress li l-kumpanija taghna kienet kumpanija gdida, l-bzonnijiet taghna kienu urgenti u waqqafna l-ftehim mieghu u ingaggajna persuni ohra biex jaghmlu l-istess. U ahna konna ghamilna pagamenti mhux hazin pero hu baqa' jsostni li ghandu jiehu iktar flus. Jiena li hassejt bhala theddida kien l-email li qieghed esebit Dok. A in atti."*

Din ix-xhieda giet sorretta bid-dokument esibit.

Ghaldaqstant il-Qorti fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba u ghall-fini tal-Art. tipprefiggi terminu ta' 30 jum mil-lum biex l-intimat iressaq il-pretensjoni tieghu. Il-Qorti thalla l-kawza ghad-9 ta' Ottubru 2014 ghall-informazzjoni u jekk ikun il-kaz ghall-provvediment mehtieg fir-rigward.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------